# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

EDITUR: J. ORLANDO-SMITH

ru. 116 APRIL, 1949. Nru. 116

# Il-Ħidma tad-Dipartiment tal-Biedja

**FIN-NUQQAS ta' l-Onor. Bertram Camilleri, il-Ministru ta l-Industrja, il-qagħda tad-Dipartiment tal-Biedja, u l-ħidma li qiegħda tiġi mwettqa minn dan id-Dipartiment, ġiet imfissra tajjeb ħafna fil-Parlament mill-Onor. Dr. A. Colombo.**

**Huwa fiehem fil-qosor l-attivitajiet tad-Dipartiment tal-Biedja u l-ħsieb li għandu l-Gvern li jkattar dawn il-ħidmiet fl-interess ta' l-ekonomija nazzjonali u fl-istess ħin għall-ġid tal-bidwi u tal-poplu kollu.**

Il-ħidma tad-Dipartiment tista' ġi mqassma taħt dawn it-tliet taqmiet prinċipali, jiġifieri:—

a) **Li juri, bl-eżempji u bit-tagħm, lill-ħaddiema ta' l-art, il-metoi ta' agrikoltura moderna.**

b) **Li jkun minn ta' l-ewwel filroduzzjoni ta' l-ikel.**

ċ) **Li jipprovdi rikreazzjoni lillubbliku, billi jżomm tajjeb il-ġona, il-mixtliet u s-siġar.**

Taħt il-kapitlu (a) jistgħu jiġu ıdaħħla l-ħidmiet kollha li għandom x'jaqsmu mat-tħaris, kura u erda ta' mard minn fuq is-siġar u annimali, li jagħmlu kull sena ħsa kbira; is-servizzi li jingħataw ill-farms u mill-postijiet tat-trobija ta' l-annimali tal-Gvern; tħeġiġ għal produzzjoni akbar; orgaizzazzjoni tal-bejgħ fis-swieq ta' arra u tal-pajjiż; biex jinżammu tatistiċi b'tagħrif li minn fuqu jkuu jistgħu jittejbu s-swieq tal-prootti; it-tqassim bil-ħaqq ta' ġwież għad hawn nuqqas tiegħu; il-konoll biex jiġu regulati l-kirjiet talħelieqi; tħabrik biex tiġi salvata u ıħarsa l-ħamrija; lista ta' tagħrif ir-reqqa dwar l-artijiet għammiela għandna; organizzazzjoni tal-proaganda; il-mili ta' artijiet mogħxa is-siġar; għajnuna finanzjarja lil awk li huma liċenzjati biex iżomıu bhejjem tar-razza, kif ukoll lil awk is-soċjetajiet li għandhom għal albhom l-interessi tal-Biedja loka- u lil dawk li jrabbu n-naħal għal roduzzjoni tal-għasel ta' Malta.

Taħt il-Kap. (b), jiġifieri biex żid il-produzzjoni ta' l-ikel għal konum lokali, qiegħda ssir ħidma li rnexxiet b'suċċess fil-farms u fil-postijiet tat-trobbija li għandu l-Gvern. It-tagħrif li sejrin nagħtu dwar il-produzzjoni li saret mill-1 ta' Ottubru, 1947, sal-31 ta' Diċembru 1948, isaħħaħ dak li qegħdin ngħidu:

**SEZZJONI TA' BHEJJEM U TJUR**

| | |
|---|---|
| Majjal | 16,900 rtal |
| Tjur | 3,340 ,, |
| **Bajd:** | |
| Tat-tiġieġ | 131,113 |
| Tad-dundjani | 2,363 |
| Tal-papri | 1,754 |
| **Ħalib:** | |
| Tal-baqar | 597 glalen |
| Tal-mogħoż | 2,037 ,, |
| **Demel:** | |
| Demel ta' l-annimali | 48 tunnellata |

**SEZZJONI TA' L-OQSMA**

| | |
|---|---|
| Lucerne jew Nifel | 265,190 rtal |
| Patata | 61,644 ,, |
| Pastard | 37,610 ,, |
| Tadam | 16,783 ,, |
| Pitravi | 13,374 ,, |
| Ful | 12,126 ,, |
| Ġidra | 12,119 ,, |
| Qamħ | 6,800 ,, |
| Qara' aħmar | 4,546 ,, |
| Xgħir | 3,680 ,, |
| Spinaċi | 3,566 ,, |
| Qara' Bagħli | 2,300 ,, |
| Karrotti | 2,175 ,, |
| Basal | 2,149 ,, |
| Krafes | 1,557 ,, |
| Piżelli | 1,367 ,, |
| Ġulbiena | 1,269 ,, |
| Ħass | 676 ,, |
| Qara' twil | 561 ,, |
| Kaboċċi | 242 ,, |
| Qamħ ir-rum | 150 ,, |
| Tewm | 100 ,, |

(Ikompli fil-faċċata 3)

**BEJGĦ TA' PRODOTTI**

Mill-ewwel darba li ħareġ it-truck tal-Gvern ibiegħ il-ħaxix, fit-22 ta' Frar, sal-25 ta' Marzu 1949, inbiegħu dawn il-prodotti li ser insemmu:

| | |
|---|---|
| Kaboċċi | 8846 waħda |
| Pastard | 3434 ,, |
| Tewm aħdar | 1377 ,, |
| Ħass | 1130 ,, |
| Pitravi | 1666 rtal |
| Ġidra | 749 ,, |
| Karrotti | 690 ,, |

## FARM F'TAL-BALAL

MADWAR 90 tomna art qrib id-Depot tal-Ħalib li hemm f'Tal-Balal, li l-biċċa l-kbira kien blat, qiegħda tiġi mibdula f'raba' għammieli billi l-ewwel jinxteħt fuq il-blat l-iskart kollu li jingabar mit-triqat u wara, dan l-iskart, jiġi mgħotti minn saff ħamrija li tinġabar skond il-liġi.

Bis-saħħa ta' din il-ħidma, tmint it-mien u nofs minn dil-art mogħxa ġa ġew mibdula f'raba' għammieli u d-Dipartiment tal-Biedja żeragħhom patata, basal u ġidra. Minbarra dan, id-Dipartiment beda jikkoltiva wkoll ħdax-il tomna u nofs art li kienet abbandunata u żera' fihom qamħ Awstraljan, patata u qara' bagħli barra milli ħawwel ukoll 500 dielja u 114-il siġra tal-frott. Biċċa art oħra li fiha madwar 15-il tomna u li diġà ntefgħet il-ħamrija fuqha jonqosha biss li tiġi mwittija u malli dan ix-xogħol ikun lest tiġi miżrugħa wkoll. Minn dan naraw li fi żmien qasir ħafna kważi nofs id-90 tomna li kienu moħlija, jiġifieri 45 tomna art, sejrin jinbidlu f'għelieqi.

Hemm il-ħsieb li dan il-qasam ġdid nibdew nieħdu minnu dak kollu li nistgħu billi niżirgħu bil-prodotti kull biċċa art li nibdlu f'raba', inżidu fih is-siġar tal-frott u l-blat li jkun għad baqa' jservina għat-trobbija tad-dnudjani u n-naħal. Dan il-farm qiegħed jiġi magħdud bħala fergħa tal-farm li għandna l-Għammieri, l-istess ħaġa bħalma huwa magħdud il-farm tat-tjur li hemm f'Wied Inċita. Minbarra li dina l-art qiegħda titbiddel f'raba' biex iżżidilna l-ikel sejra tagħti wkoll xogħol lil xi ħaddiema.

# Il-Hidma tad-Dipartiment tal-Biedja

*(Ikompli mill-ewwel faċċata)*

| | | |
|---|---|---|
| Xtieli ta' ħxejjex tal-kċina | 60,880 | xitla |
| Qaqoċċ | 15,486 | waħda |
| Silla | 2,174 | qatta |
| Brinġiel | 1,118 | waħda |
| Tiben | 330 | ħemel |

Dawn in-numri li ġejjin juru l-għadd ta' bhejjem u tjur li kien hemm fl-1 ta' Ottubru 1947, u kemm laħaq il-għadd ta' l-istess bhejjem u tjur fil-15 ta' Marzu, 1949:

| | 1 ta' Ottubru 1947 | 15 ta' Marzu 1949. |
|---|---|---|
| Żwiemel | 5 | 6 |
| Majjali | 131 | 424 |
| Nagħaġ | 25 | 30 |
| Mogħoż | 16 | 86 |
| Tiġieġ, Dundjani | 1906 | 3892 |
| Papri Fniek | 70 | 230 |
| Total | 2153 | 4758 |

L-uċuħ tar-raba' li qegħdin bħal issa jiġu kultivati fil-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, huma dawn:

| | Tmien |
|---|---|
| Silla | 14 |
| Qamħ | 6 |
| Xgħir | 9 |
| Gulbiena | 4 |
| Lucerne jew nifel | 8 |
| Dwieli Amerikani | 2 |
| Ful | 5 |
| Piżelli | 3 |
| Qara' bagħli | 2 |
| Pastard | 12½ |
| Hass | ½ |
| Kaboċċi | 5 |
| Spinaċi | 1½ |
| Qaqoċċ | 9 |
| Basal | 4 |
| Karrotti | 1½ |
| Pitravi | 2½ |
| Patata tar-rebbiegħa | 18 |
| Tursin | 1 |
| Xtieli | 1½ |
| Tewm | 1 |

Taħt il-Kap (ċ) jistgħu jiġu msemmija l-ħidmiet li qegħdin isiru mis-sezzjoni tal-ġonna pubbliċi u siġar li huma ta' ħtieġa għal ġid tal-poplu kollu u li ma għandhomx jitqiesu bħala ħidmiet ta' profitt, għalkemm wieħed qiegħed jagħmel kull ma jista' sabiex minn din is-sezzjoni jinġabru kemm jista' jkun flus biex ipattu għall-ispiża. Din il-fergħa hija responsabbli biex iżżomm fi stat tajjeb 25 ġnien pubbliku u mxietel fuq medda ta' madwar 460 tomna raba'.

Il-ħidma ta' din il-fergħa li qiegħda tagħmel sehem mid-Dipartiment tal-Biedja tinsab l-aktar mixħuta fuq :—

a) Tkabbir ta' siġar ornamentali u xtieli biex jitħawlu fil-ġonna pubbliċi u f'imkejjen oħra kif ukoll biex minnhom jiġu mibjugħa lill-pubbliku.

b) Tnissil ta' siġar tal-frott biex jinbiegħu lill-bdiewa u lill-ġardinara.

ċ) Biex il-bdiewa u l-ġardinara jiġu provduti biż-żraġen tad-dwieli.

d) Miżgħera ta' fjuri biex jissebbħu l-ġonna.

e) Tħawwil ta' siġar ġodda fil-ġonna pubbliċi u f'imkejjen oħra.

f) Biex jiġu salati s-siġar li ġew milquta mir-rikostruzzjoni jew xogħol ieħor.

g) Tagħlim tekniku lill-pubbliku.

h) Taħditiet u tagħlim lill-apprentisti u ġardinara impjegati f'din i-fergħa.

Din il-ħidma hija aktar fid-deher meta nsemmu xi ftit figuri mill-bejgħ u mill-produzzjoni li saret fil-ġonna pubbliċi u fil-mixtliet ta' Malta u Għawdex, mill-1 ta' Ottubru 1947 sal-31 ta' Diċembru 1948.

| | | |
|---|---|---|
| Dwieli Amerikani | 362,615 | żraġen |
| Hxejjex għall-kċina | 95,330 | xtieli |
| Agrumi | 33,293 | tużżani |
| Frott | 8.056 | rtal |
| Siġar u xtieli | 4,316 | waħda |
| Siġar tal-frott | 4,290 | waħda |
| Siġar, xtieli u pjanti ornamentali li ġew imħawla fil-ġonna pubbliċi, fil-mixtliet u f'imkejjen oħra | 2,481 | waħda |

Minbarra d-dħul ta' flus li sar mill-bejgħ ta' dawn l-oġġetti li semmejna, daħlu wkoll flus oħra mill-bejgħ ta' żrieragħ tal-fjuri, xtieli, pjanti fil-qsari, ħxejjex, fjuri u ħatab.

## BAJD JEW HALIB?

Wieħed espert li jrabbi ħafna tiġieġ fisser li t-trobbija tat-tiġieġ tfendi wisq iżjed mit-trobbija tal-baqar għall-ħalib. Huwa jgħid li raġel wieħed jista' jlaħħaq ma' 1,200 tiġieġa meta jaħli magħhom nofs il-ħin li jkollu biss. Dawn l-1,200 tiġieġa ipproduċewlu b'£70 bajd fil-ġimgħa. Baqra tagħti ħalib b'£2. 12. 6d fil-ġimgħa u għalhekk skond dan l-espert Ingliż raġel li jinħela ma' 10 baqriet jagħmel profitt ta' £26. 5s. ħalib fil-ġimgħa.

Minn dan jilher li t-trobbija tat-tiġieġ tfendi wisq aktar.

## L-GHASAFAR U L-BIEDJA

*(S. J. Zammit)*

**IS-SUĠĠETT li sejjer nitkellem fuqu huwa aktarx diffikultuż, mhux għaliex ma sarx studju fuqu, iżda l-għaliex ġew imfissra ħafna opinjonijiet li ma jaqblux. Xi bdiewa tismagħhom igħidu li l-biedja tirnexxi aktar li kieku kellhom jinqerdu l-għasafar kollha. Sabiex immorru mill-ewwel għas-suġġett, nagħżlu bejn l-għasafar ħbieb tal-biedja u l-oħrajn li jiswew ta' ħsara, fil-waqt li nħallu barra taqsima kbira ta' għasafar li huma newtrali: jiġifieri li la jagħmlu ħsara u lanqas ġid.. Jeħtieġ li nifhehmu wkoll illi xi għasafar ta' kultant jagħmlu l-ġid fil-waqt li drabi oħra jwettqu l-ħsara u dan jiddependi aktarx mill-abbundanza jew l-iskarsizza ta' l-uċuħ.**

Nibdew għalhekk sabiex naraw liema huma l-għasafar għedewwa tal-biedja u nħallu l-ħbieb għall-aħħar. Jiena naħseb li l-għasfur tal-bejt huwa l-uniku u l-aqwa għadu tal-biedja li għandna f'Malta. Iżda madankollu jiġu fuqu żmenijiet li l-għasfur tal-bejt ipatti fil-wisgħa l-ħsara li jagħmel billi joqtol u jiekol għadd kbir ta' insetti minn fuq l-uċuh.

*Induru issa lejn il-għasafar li huma ħbieb tal-biedja minħabba l-ħidma fejjieda li jwettqu għall-uċuħ li nikkoltivaw. Hemm armata sħiħa minn dawn l-għasafar li huma lkoll* ***għasafar tal-passa u li*** *kull fejn jiltaqgħu ma' insett jew dudu jibilgħuh, bħalma huma z-zakak, il-bufula, il-petirross u l-merill.*

*Iz-zakak, il-bufula u l-petirross huma għasafar li jgħixu biss mill-insetti li jsibu.*

Il-merill huwa aktarx dak l-għasfur li l-aktar iżur il-gżejjer tagħna. Dan il-għasfur iħobb wisq l-għekierex u l-bebbux u jeqred minnhom kwantità kbira; kulħald jaf kemm jagħmlu ħsara l-għekierex u l-bebbux fl-uċuh ikkultivati, u l-aktar fil-ġonna .

Il-kokka hija għasfur ieħor ta' ħtieġa tassew kbira billi din teqred ħafna ġrieden li dawn jagħmlu ħsara tant kbira fl-uċuh. B'danakollu l-kaċċaturi tagħna jisparaw fuq kull kokka li jilmħu. Din hija ħaġa li jmissha ġġib misthija fuqhom.

*Jekk l-għasafar jikkunsmaw xi frott u żrieragħ ma tkunx ħaġa flokha li ngħidu li l-għasafar ikunu qegħdin iwettqu ħsara biss il-għaliex huma jikkunsmaw xi frott u żrieragħ wara li jkunu mlew żaqqhom bl-insetti li jsibu u b'hekk jeħilsu l-uċuh minn pesta kontinwa.*

Kollox ma 'kollox l-għasafar li jżuru l-Gżejjer tagħna huma ħbieb tal-biedja u jwettqu ġid bla tarf billi jeqirdu kwantitajiet ta' dwied u insetti. Ninsabu lkoll kemm aħna fid-dmir li nħarsuhom mill-qerda u li nagħmlu ħilitna sabiex nipproteġġuhom.

Ma nistax inħambaq biżżejjed sabiex inħajjar lill-kaċċaturi kollha u l-aktar lit-tfal sabiex ma jeqirdux l-għasafar u sabiex iħarsuhom mill-qerda u jkunu l-ħbieb tagħhom bħalma huma jaħdmu għar-riżq materjali tagħna.

